31993R1943

L 176/23 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 20.7.1993

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1943/93
tas-16 ta' Lulju 1993
dwar il-ħruġ ta' dokumenti għall-preżervati ta' ċerti speċi ta' tonn li jkun ġej minn pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3759/92 tas-17 ta' Diċembru 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti tas-sajd u l-akwakultura [1], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 697/93 [2], u b'mod partikolari Artiklu 21 (5) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummisjoni (KEE) Nru 1792/93 [3], ta lill-importaturi godda, kif imsemmija fl-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kummisjoni (KEE) Nru 3900/92 [4], id-dritt li jimportaw 210 tunnellata preżervati ta' ċerti speċi ta' tonn, billi, minħabba l-ammonti żgħar involuti, jekk il-kwantitajiet li tkun saret applikazzjoni għalihom tkun iktar minn dawk disponibbli, il-Kummissjoni ttella' bix-xorti minn fost l-applikazzjonijiet li jidħlu fl-istess ġurnata;

Billi l-applikazzjonijiet għall-importazzjoni magħmula mill-importaturi ġodda fit-13 ta' Lulju 1993 kienu għal kwantità ta' 4 980 tunnellata; billi l-Kummissjoni tellgħet bix-xorti minn fost dawn l-applikazzjonijiet li daħlu fil-15 ta' Lulju 1993;

Billi l-ħruġ ta' dokumenti ta' importazzjoni għal iktar applikazzjonijiet mill-Istati Membri għandu jiġi sospiż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Għat-talbiet magħmula fit-13 ta' Lulju 1993, skond l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 3900/92, id-dokumenti għall-importazzjoni ta' tonn ippreservat ta' l-ispeċi *Tunnus*, tonn jew tumbrell (*Euthynnus pelamis*) u speċi oħrajn tal-ġeneru *Euthynnus* li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 1604 14 11, ex 1604 14 19, ex 1604 19 30 u ex 1604 20 70 li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi imsemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3900/92 huma mqassma hekk:

(tunnellati)

Riċevitur	Kwantità mogħtija
Matrico Belgium	15
Becker, Ernst	15
Bioreform Ltd	15
Campione & Farnetani GmbH	15
Hofka Warenhandelsgesellschaft mbH	15
Kaiser's Kaffee-Geschäft AG	15
Lohmann Vertriebsgesellschaft mbH	15
Merkur Delta intern, Patenreederei	15
Rickertsen Getränke Vertrieb GmbH & Co. KG	15
Rickertsen, Georg & Jurgen (GmbH & Co.)	15
Schaub, H. Friedrich & Co.	15
Wolf Handelsgesellschaft mbH	15
Photocopying Equipment & Rentals (SE) Ltd	15
W.H. Frost Ltd	15

L-Artikolu 2

Il-ħruġ ta' dokumenti għall-importazzjoni għat-tonn ippreservat ta' l-ispeċi *Tunnus*, tonn jew tumbrel (*Euthynnus pelamis*) u speċi oħra tal-ġeneru *Euthynnus* li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 1604 14 11, ex 1604 14 19, ex 1604 19 30 u ex 1604 20 70 li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi kif imsemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3900/92 għandhom jiġu sospiżi skond l-Artikolu 3(1)(b) ta' dak ir-Regolament ta' l-14 ta' Lulju 1993.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Lulju 1993.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 16 ta'Lulju 1993.

Għall-Kummissjoni

Yannis PALEOKRASSAS

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 388, tal-31.12.1992, p. 1.
[2] ĠU L 76, tat-30.3.1993, p. 12.
[3] ĠU L 163, tas-6.7.1993, p. 21.
[4] ĠU L 392, tal-31.12.1992, p. 26.